MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 250/2007

**A mart C B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-8 ta' Ġunju 2007 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi hi żżewġet lill-konvenut C B fit-28 ta' Novembru 1981, kif irriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok "A".

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu tlett (3) itfal; D, E u F, liema tifel għadu minuri (Dok B).

3. Illi l-konvenut irrenda ruħu ħati verso l-attriċi ta' adulterju, eċċessi, inġurji u inġurji gravi, sevizzi u moħqrija, *oltre* li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment u ma hemmx lok ta' rikonċiljazzjoni.

4. Illi l-attriċi ġiet debitament awtorizzata mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tipproċedi għall-firda personali minn ma' żewġha (Dok C).

5. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati.

Jgħid l-intimat għalhekk għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

a. Tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti minħabba raġunijiet solament imputabbli lill-konvenut u kif ukoll li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment u ma hemmx lok ta' rikonċiljazzjoni.

b. Takkorda l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri F B lill-attriċi.

c. Tiffissa u tordna l-ħlas ta' manteniment adegwat għall-attriċi u għat-tifel minru F B, bil-modalitajiet ta' ammont u lok ta' pagament li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

d. Tiffissa aċċess xieraq għall-konvenut versu l-minuri.

e. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha ta' tal-Artikoli 48 *et seq* tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

f. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.

g. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet u tassenja waħda lil kull parti.

h. Tordna r-restituzzjoni tal-assi parafernali lill-attriċi.

i. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att eventwali kontumaċi fuq il-kuntratt.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni tiegħu.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fl-10 ta' Settembru 2007, li permezz tagħha l-konvenut C B eċċepixxa bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok jiġi eċċepiet li ma hux minnu li ż-żwieġ tkisser minħabba xi raġunijiet imputabbli għall-konvenut iżda għar-raġuni sempliċi li mart il-konvenut ma xtaqietx tibqa' tgħix ma' żewġha għal raġunijiet kapriċċjużi tagħha biss *oltre* għall-fatt ukoll li kienet l-istess attriċi li ma kienetx fidila lejn żewġha u talli abbandunat id-dar konjugali mingħajr raġuni valida kif ser jirriżulta waqt l-ismiegħ ta' dan il-każ;

2. Illi għalhekk f'każ li jiġi ppruvat sodisfaċentement u skond il-liġi l-adulterju u l-abbandun kommess mill-istess attriċi fil-kors taż-żwieġ tagħhom, għandhom jittieħdu l-provvedimenti opportuni kontra tagħha kif kontemplati fl-Artikolu 48 *et seq* Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi t-tliet ulied kollha frott ta' dan iż-żwieġ jgħixu mal-konvenut fid-dar konjugali __________, Malta nkluż it-tifel minuri F ta' ħmistax-il sena u dana l-għaliex kienet l-istess attriċi li telqgħet ħesrem mid-dar konjugali mingħajr ebda raġuni valida madwar sittax-il xahar ilu, u ċjoe' minn Mejju tas-sena 2006;

4. Illi għalhekk għar-raġuni fuq esposta, il-kura u l-kustodja tal-minuri F għandha tibqa' tigi fdata favur il-konvenut *stante* li t-tifel x'aktarx ikun irid jibqa' jirrisjedi ma' missieru filwaqt li ommu l-attriċi tkun ġustament intitolata għal ġranet u ħinijiet ta' aċċess jew b'mod liberu jew kif jogħġobha tiffissa dina l-Qorti pero fl-istess ħin, l-

attriċi għandha tiġi kkundannata tħallas lill-konvenut r-retta alimentarja ffissata mill-Qorti bħala l-kontribuzzjoni tagħha għat-trobbija tal-imsemmi minuri;

5. Illi l-attriċi m'għandhiex tkun intitolata għall-ebda alimenti favur tagħha peress li hija kapaċi taħdem *oltre* għall-fatt illi hija qiegħda tgħix ma' persuna oħra tas-sess maskili li miegħu għandha relazzjoni ta' ħbiberija ntima;

6. Illi l-fatti hawn elenkati huma lkoll magħrufa personalment lill-konvenut eċċipjent;

7. Illi għalhekk in vista tal-premess f'każ li l-ewwel talba tal-attriċi tiġi milqugħa, għandu jiġi dikjarat li ż-żwieġ tfarrak jew minħabba t-tieni raġuni mogħtija jew inkella f'każ ta' prova suffiċjenti minħabba tortijiet unikament imputabbli għall-istess attriċi kif fuq spjegat;

8. Illi t-tieni talba għandha tiġi miċħuda u minflok il-Qorti għandha tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri F għandha tiġi fdata lill-konvenut;

9. Illi t-tielet talba tal-attriċi għandha wkoll tiġi respinta peress illi fl-ewwel lok hi kapaċi taħdem, fit-tieni lok hija qegħda tgħix f'relazzjoni ma' ħaddieħor u fit-tielet lok fir-rigward tal-minuri għar-raġunijiet fuq esposta fil-paragrafu preċedenti;

10. Illi fir-rigward tat-talba għall-aċċess, dan għandu jiġi ffissat għal bżonnijiet u konvenjenza tal-attriċi u mhux bil-maqlub in vista ta' dak li ntqal hawn fuq;

11. Illi l-effetti kontemplati fl-artikoli 48 *et seq* Kap 16 għandhom jiġu applikati fil-konfront tal-attriċi u mhux fil-konfront tal-konvenut għar-raġunijiet fuq esposti u kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-każ;

12. Illi fiċ-ċirkostanzi l-eċċipjenti jaqbel mas-sitt u seba' talba tal-attriċi b'dan pero' li l-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni t-tort imputabbli lill-attriċi għat-tifrik ta' dan iż-żwieġ u kif ukoll fir-rigward tad-dar konjugali l-fatt li l-

ulied kollha partikolarment il-minuri għandhom jirrisjedu fl-istess dar;

13. B'riserva li tintalab il-preżentata ta' eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet fosthom dawk tagħhom stess.

Rat id-digriet tagħha tal-9 ta' Ottubru 2009 li permezz tiegħu nnominat lill-Avukat Dottoressa Elena Naudi Depaquale bħala Assistent Ġudizzjarju, kif ukoll il-verbali tas-seduti miżmuma quddiemha;

Rat id-diversi digrieti oħra tagħha;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal tat-3 ta Frar 2012 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja' ngħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni mingħand żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Il-kawża naturalment kienet kontestata sew u l-Qorti setgħet tara li l-partjiet irrispondew lil xulxin diversi drabi dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin. Ma setax jonqos lanqas li waħda mill-kontestazzjoni prinċipali kienet dwar il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti għalhekk se tittratta l-vertenzi f'paragrafi għalihom. Hawnhekk għandu jingħad li t-tfal li kellhom il-partijiet miż-żwieġ issa huma lkoll maġġorenni u allura l-Qorti m'għandhiex deċiżjonijiet x'tieħu fir-rigward.

**TORT**

Illi kif ġja' ngħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ. L-attriċi fl-affidavit tagħha tgħid:

*"Aħna żżewwiġna fit-28 ta` Novembru 1981, fil-Knisja ta' \_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_\_. Wara erba' (4) snin ta` żwieġ kellna nirrikorru għall-counselling minħabba li r-relazzjoni matrimonjali tagħna ma kenitx waħda feliċi. Ir-raġel tiegħi kien kontinwament jiffittani u jġiegħlni nagħmel il-faċendi tad-dar. Iżda wara ftit waqafna mmorru għall-counselling għax ir-raġel tiegħi ma riedx li nibqgħu nattendu. Minħabba l-fissazzjoni tiegħu fuq it-tindif tad-dar, konna sikwiet nillitigaw u hu kien jgħajjarni għażżiena u maħmuġa.*

*It-tfal tagħna twieldu fis-snin 1983, 1988 u 1992. Id-dar tagħna hija kbira u għaldaqstant ma stajtx inlaħħaq mat-tindif. Aktar tard, xi seba` (7) snin ilu sirt naf li kont inħossni għajjiena u bla saħħa minħabba l-fatt li nsofri mill-kundizzjoni ta "severe fibromyalgia" u diabetika. Ir-raġel tiegħi qatt ma ta każ tal-fatt li kont dejjem inħossni għajjiena u li kont qed insofri minn dawn il-kundizzjonijiet mediċi.*

*Madwar tmien (8) snin ilu beda jiffrekwenta bar tal-lokal u jidħol id-dar tard bil-lejl. Jien kont inkun id-dar dejjem waħdi, mentri hu jkun il-bar, għall-kaċċa jew jistad. Għalkemm kien imur jistad u jqatta` l-isbaħ (12) tnax-il siegħa fuq dgħajsa fix-xemx, meta kont insaqsih biex immorru sal-baħar flimkien kien jirrifjuta u jġib l-iskuża li x-xemx ma kienx jissaportiha. Dan in-nuqqas ta' nteress kien wieħed kostanti, tant li anka tmiem il-ġimgħa kont inqattgħu d-dar waħdi u ma konna qatt noħorġu flimkien.*

*Kont infittxu bosta drabi għal relazzjoni sesswali iżda hu ma kienx juri nteress, tant li kellnix tali relazzjonijiet għal tlieta (3) jew ħames (5) xhur. Kien jinqeda biss hu. Għalkemm kont nurih li ma kontx kuntenta bis-sitwazzjoni. Kont nipprova niddiskuti dan miegħu bosta drabi, iżda ir-raġel qatt ma ta każ jew wera nteress.*

*F`Diċembru ta' l-2006 indunajt li kien hemm waħda mill-pilloli tal-Viagra nieqsa. Għalkemm jien ma wrejtux li ndunajt li kien hemm waħda nieqsa, staqsejtu biex ikollna x'naqsmu ma' xulxin f`dik il-ġimgha u kellna darbtejn. Kien biss fil-ġurnata ta' San Valentino li reġa kellna x'naqsmu flimkien minn Diċembru. Minn Frar sa April qatt ma wera nteress sesswali jew ipprova jirranġa s-sitwazzjoni maritali tagħna. Ir-raġel tiegħi dejjem isostni li ma kellux aktar interess fis-sess.*

*F'April iddeċidejt li nissepara minn mar-ragel tiegħi għax ma flaħtx aktar għas-sitwazzjoni maritali li kont qed ngħix fiha u ma ridtx inkompli ngħix hekk. Kien tani tlett (3) verżjonijiet f`daqqa biex jiġġustifika l-għibien taghha. Kien f`dak il-mument li ffaċċjajtu bid-domanda tiegħi dwar x'kien sar minnha dik il-pillola tal-Viagra li kont sibt nieqsa, f'nifs wiehed ikkontradixa ruħu u gideb tlett darbiet. L-ewwel stqarr li kien ħadha biex jara jekk tagħmillux effett iżda fuqu ma ħadmitx; wara ftit qal li kien ħa nofs waħda u n-nofs l-ieħor ramih u mbaghad fl-istess nifs qal li kien ramiha l-pillola. Kont ċerta li kien qiegħed vilment jigdeb għax kien diġa għamel użu minn dawn il-pilloli miegħi u kien jaf eżatt l-effett li jagħmlu. Dawn il-pilloli ma kellux bżonnhom aktar mieghi għall-fatt li meta kellna x'naqsmu flimkien f'Diċembru ma kienx għamel użu mill-Viagra iżda ma kellux problemi. Għaldaqstant nasal biex ngħid li dan għamel użu mill-pillola li sibt nieqsa ma' xi ħadd ieħor.*

*Sa minn April qatt ma tani flus jew ħallieni niekol mid-dar u lanqas qatt ma saqsieni biex inbiddel fehmti dwar id-deċiżjoni li nissepara minn miegħu. Sadanittant kont sirt naf li kellu relazzjoni ma' mara oħra. F`dan il-perjodu beda jagħmel użu minn kliem abbużiv fil-konfront tiegħi u saħansitra wasal biex jgħid li "ommi kienet qaħba" u li kellu x'jaqsam magħha fil-qabar taghha. Dan il-kliem abbużiv intqal anki fil-preżenza ta' wliedna. Għaldaqstant tlabt lill-avukat tiegħi biex jiktiblu bosta ittri biex jagħraf kif iġib ruħu fil-konfront tiegħi u ma jibqax jagħmel użu minn kliem abbużiv. Iżda l-attitudni tiegħu ma nbidlitx u saħansitra stqarr li ma jimpurtaħx mill-ittri li kont bgħattlu bl-avukat.*

*Is-sitwazzjoni kompliet tiggrava ruħha tant li kien jgħodd il-frott biex jaċċerta ruħu li ma kontx kilt minnu, lanqas nixrob ma' kont nista' minn dari stess. Ir-raġel qed jagħmel minn kollox biex ixewwex lil uliedna kontra tieghi, u dan nafu b'fatt għax smajtu jiena stess.*

*Minhabba din is-sitwazzjoni kelli nneħħi wieħed mill-klieb għax kien qed jheddidni li ser jitfaħhomli kollha 'l barra. Illum il-ġurnata qed jhedded li jarmili l-affarijiet ġodda tiegħi fil-ġnien.*

*F'April ftaħt qalbi mas-sekonda kuġin tiegħi dwar il-problemi maritali tiegħi u hu offra li jgħini finanzjarjament. Kien minn dak iż-żmien li bdejt insajjar u nnaddaf id-dar tas-sekonda kuġin tiegħi u niekol id-dar tiegħu minħabba l-fatt li r-raġel tiegħi ma kienx qed iħallini niekol id-dar tagħna.*

*F'dan il-perjodu kont qed norqod ma' uliedi s-subien fil-kamra tagħhom fuq folding bed. Minħabba li kont qed insofri minn uġiegħ qawwi f`dari u kelli nuqqas ta' privatezza staqsejt lir-raġel tiegħi biex ikun hu li jorqod fil-kamra tas-subien biex inkun nista' norqod jien fis-sodda taghna. Iżda hu rrifjuta b'mod assolut u qal li kien ser ibiddel is-serratura tal-bieb tal-kamra tas-sodda fejn jien kelli ħwejġi kif ukoll affarijiet oħra personali.*

*Jiena kelli nirrikorri għall-attenzjoni medika ta' chiropractor u physiotherapist minħabba l-uġiegħ sever f'dahri. F'Ottubru tas-sena 2006 is-sekonda kuġin tiegħi offrieli li nibda mmur norqod id-dar tiegħu. Għaldaqstant xi drabi bdejt immur norqod għand l-istess sekonda kuġin tiegħi għax hemmhekk għandi aktar privatezzza u kumdita'. L-istess sekonda kuġin tiegħi beda jorqod fis-sular ta' fuq meta jien norqod għandu.*

*Nixtieq ngħid li dan l-istess sekonda kuġin illum għandu sebgħin (70) sena, u jbati mill-asthma u b'kundizzjoni kardiovaskolari. Jien ngħinu fix-xoghol tad-dar u mmur niġborlu l-mediċina mill-isptar. Fiċ-ċirkostanzi preżenti kif deskritta f'dan l-affidavit jien inħoss li ma nistax ngħix mar-*

*raġel tiegħi taħt l-istess saqaf minħabba li nħossni għal diversi snin miċħuda mir-raġel tiegħi.”*

Illi da parti tiegħu l-konvenut isostni fl-affidavit tiegħu illi:

*“Illi jiena għadni sal-ġurnata tal-lum ma nafx il-għala iż-żwieġ tagħna tfarrak;*

*Jiena minn dejjem kont raġel li nġibilha rispett, għamilna u rabbejna familja flimkien, dejjem ħdimt u rajt li ma jkun jonqoshom xejn;*

*Illi huwa minnu pero’ li marti minn dejjem kienet xi ftit għażżiena; ma tantx kienet tinqala’ jew tħobb tagħmel il-faċendi tad-dar. Kienet tgħidli li tobogħdha d-dar. Fil-fatt għal ħafna żmien madwar tmien snin, erba’ snin waħda u erba’ snin oħra, kellna s-sefturi d-dar biex igħinu lil marti;*

*Naf ukoll li marti għaddiet min trobbija diffiċli ferm li forsi setgħet affettwatilha l-karattru l-komportament tagħha u kif ukoll l-attitudni tagħha lejn il-ħajja u kif tħares lejn il-problemi tal-ħajja ta’ kuljum; per eżempju kont naf li missierhom kien isawwat lil ommhom ħafna tant illi marti u ħutha jaffermaw li ommhom bdiet issofri mill-Parkinsons Disease minnħabba l-atteġġjament ta’ missierhom fil-konfront tagħhom. Marti kienet qaltli wkoll li meta missierhom kien jiġi lura d-dar mix-xogħol u kien ipoġġi jiekol, it-tfal inkluż marti, kienu jmorru jistaħbew fil-gwardarobba;*

*Illi l-atteġġjament vjolenti ta’ missierha baqa’ jissokta anke wara li żżewwiġna. Fil-fatt meta kont inkun naf li missierha kien ġej id-dar għandi, jiena lanqas biss kont nitħalla noħroġ mid-dar. Kienu jkunu jriduni preżenti tant kien isawwathom bl-ikrah, naturalment biex nilqagħlu;*

*Ngħid ukoll illi per eżempju oħtha, G għamlet snin sħaħ ma titla’ ma’ wliedha ___________ għall-Imnarja għax kienet tibża li tiltaqa’ ma’ missierha;*

*Fil-fatt dan missierha kien spiċċa ħalla lil ommha u mar jgħix waħdu ġewwa kamra f’għalqa u omm marti spiċċat*

*tgħix waħedha d-dar. Darba minnhom meta mort inżurha, sibt lil ommha mal-art fi stat nofsha mitlufa minn sensiha u minn dakinhar iddeċidejt li nżommuha magħna d-dar tagħna. Omm marti damet erba' snin u nofs tgħix fid-dar tagħna sakemm marti kien ser ikollha t-tielet wild, fejn imbagħad irranġajnielha biex tmur residenti l-Imgieret;*

*Illi ma hu minnu xejn kif qalet l-attriċi li kont inħalli l-mara d-dar waħedha. Wara ġurnata xogħol dejjem kont inkun id-dar mat-8:30 p.m. ta' fil-għaxija u konna nieklu flimkien bħala familja unita'. Il-verita hi li l-mara kienet kull nhar ta' Sibt toħroġ għal rasha l-Country nights u tidħol fis-2:00 a.m. ta' fil-għodu u mbagħad ma tkunx trid toħroġ il-Ħadd miegħi. Meta kont immur għall-kaċċa s-Sibt jew il-Ħadd, fl-għaxra ta' fil-għodu kont inkun ġia lura d-dar.*

*Illi dwar ir-relazzjoni sesswali nieqsa li allegat l-attriċi għandi ngħid illi kien qabadni depression wara li kien falla negozju li kelli ma' terzi u spiċċajt b'xejn. Per konsegwenza ta' dan l-inkwiet kelli anke nagħmel operazzjoni tal-imsaren u l-Professur Arthur Felice kien ippreskrivili xi pilloli bħala kalmanti. Dawn tant kienu qawwija li kienu neħħewli għal kollox il-ħajra għas-sess. Meta nqalgħet din il-problema konna tkellimniha mat-tabib tal-familja Dr Wilfred Galea li kien ippreskrivili li nibda nieħu l-viagra. Dawn kont użajthom biss f'żewġ okkażjonijiet mal-mara pero' peress illi dawn ħallew fuqi l-effett ta' stordament kbir u għalhekk ma stajtx nibqa' neħodhom. Fil-fatt il-kumplament tal-pakkett għadu għandi sal-lum;*

*Barra minn hekk il-problema tas-sess kienet ġejja wkoll mill-fatt li l-mara kienet tara t-television ta' kuljum sas-sagħtejn ta' fil-għodu u peress illi kienet taf li jien ikolli nqum għax-xoghol fl-4:30 a.m. ta' fil-għodu ma kinietx ser tiġi tqajjimni dak il-ħin fis-2:00 a.m.*

*Illi ma hu minnu xejn li jiena qatt kelli jew għandi xi relazzjoni ma' mara oħra. Marti qed tgħidu issa dan il-kliem sabiex tgħatti n-nuqqasijiet tagħha stess, u ċjoe' li hija l-istess marti li fil-fatt għandha relazzjoni ma' raġel ieħor. Fil-fatt hi għandha relazzjoni għaddejja ma' H li fl-*

*affidavit tagħha qalet li huwa s-sekonda kuġin tagħha. Mhux biss tiekol u torqod għandu kif ammess minnha stess iżda ġieli rajtha jiena stess miexja ambrazzetta miegħu u anke tkun intima miegħu f'sens ta' bews u tgħannieq. Fil-fatt din hija l-vera raġuni l-għala l-attriċi abbandunat id-dar konjugali u mhux biss ħalliet lil żewgħa iżda anke lit-tliet itfal tagħna. Dan l-aħħar fil-fatt hija kkummentatli li dan H kien tajjeb sew fis-sodda. Ngħid ukoll li l-għada li deherna l-Qorti għal ħabta tat-2 ta' Diċembru 2007, sirt naf mit-tfal li marti telqgħet lejn l-Awstralja għal ħames xhur ma' dan l-istess H.*

*Ngħid ukoll li f'Diċembru ta' qabel ċjoe' fis-sena 2006, marti marret l-Ingilterra għal madwar xahar u nofs fejn oħtha minghajr ma qaltli u ħalliet warajha l-familja tagħha hawn Malta;*

*Illum il-gurnata t-tliet itfal tagħna tnejn maġġorenni u wieħed minorenni baqgħu jgħixu taħt l-istess saqaf miegħi u r-relazzjoni ta' bejnietna hija waħda tajba ħafna. Nirrispettaw u nieħdu ħsieb lil xulxin f'kollox filwaqt li marti qatt ma turi nteress fihom ta' xejn u rari ferm tiġi tarhom;*

*Illi l-ispejjeż għall-ħajja ta' kuljum biex jiena ngħix flimkien ma' wliedi qed noħroghom kollha jien minn buti u marti qatt ma ħarġet sold jew offriet xi forma ta' għajnuna finanzjarja għat-trobbija tal-minuri;*

*Illi l-assi u d-djun tal-komunjoni tal-akkwisti huma dawk indikati minni f'nota preċedenti li ġja' ppreżentajt il-Qorti;*

*Illi l-uniku introjtu li għandi huwa dak fl-ammont ta' Lm27 fil-ġimgħa li qed nieħu bħala benefiċċju soċjali tal-mard. Illi minn dan l-ammont jiena qed imantni erba' min-nies, inkluż lili nnifsi, u għalhekk sfajt kostrett niġbed minn ġewwa sabiex jiena u wliedi nkunu nistgħu nkampaw mal-ħajja u ngħixu b'mod deċenti".*

Illi għandu jingħad illi minn meta ġew esebiti l-affidavits, anke t-tifel iż-żgħir tal-partijiet kien sar maġġorenni.

Illi minn eżami tal-provi jidher li sa Ottubru 2006, meta l-attriċi telqet mid-dar, iż-żwieġ bejn il-partjiet kien tkisser irrimedjabbilment. L-attriċi tilmenta mill-fatt li l-konvenut ma kienx jagħti każha u dejjem kien joħroġ jew biex imur ġo xi każin jew għall-kaċċa u kien iħalliha d-dar mat-tfal. Da parti tiegħu l-konvenut jiċħad dan. Anzi jakkuża lill-attriċi illi telqitu biex marret tgħix ma' raġel anzjan, H. Fil-fatt dan ir-raġel xehed u qal li huwa impotenti u allura qatt ma seta' jkollu relazzjoni sesswali mal-attriċi iżda din marret tgħix biss għandu u kienet teħodlu ħsieb id-dar. (Fil-fatt iddikjara li huma jiġu minn xulxin mill-bogħod). Hu x'inhu jidher ċar illi l-attriċi xebgħet mill-mod li kienet tgħix u malli sabet l-opportunita' telqet mid-dar. Għalkemm allegat li żewġha kellu mara oħra, ma ġabet ebda prova f'dan ir-rigward.

Illi għaldaqstant il-Qorti tħoss li l-partijiet jaħtu t-tnejn għat-tifrik irrimedjabbli taż-żwieġ u spiċċaw jgħixu f' *sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune*. (**"Caterina Agius vs Benedict Agius"** – Prim' Awla 13 ta' Ġunju 1967).

**MANTENIMENT**

Kif ġja' ngħad it-tfal huma kollha maġġorenni (addirittura t-tifla żżewġet fil-mori tal-kawża). In vista ta' dak li ġja' ngħad ukoll il-Qorti tħoss li m'għandhiex tordna lill-konvenut iħallas mantentiment lill-attriċi, u għal kull *buon fini* qegħda tirrevoka d-digriet tagħha mogħti fid-9 ta' Mejju 2008.

**PROPRJETA'**

**Beni immobbli;**

Il-partijiet jippossjedu tlett proprjetajiet immobbli li dwarhom hemm ftehim fejn jirrigwardja l-valur tagħhom. Dawn huma:

1. Id-dar konjugali Numru ____________________________, stmata mitejn u tmenin elf Euro (€280,000);

2. Garage fi Triq ________________ stmat li jiswa tletin elf u tlett mitt Euro (€30,300);

3. Garage fi Triq __________________ stmat li jiswa tmintax il-elf u sitt mitt Euro (€18,600).

Illi minħabba li d-dar tiswa ħafna iżjed mill-proprjetajiet l-oħra, il-Qorti se tordna l-bejgħ tagħha u se tassenja proprjeta' kull wieħed mill-oħrajn lill-partijiet.

**Beni mobbli;**
Illi mill-provi jirriżulta li l-partijiet għandhom tlett vetturi; tnejn użati mill-konvenut li se jiġu assenjati lilu, ċjoe' ____________ tiswa madwar elf Ewro (€1,000), u ____________ jiswa mal-ħames mitt Ewro (€500), filwaqt li l-vettura l-oħra tat-tip ______________ li tiswa mat-tlett elef Ewro (€3000) tintuża mill-attriċi u għalhekk se tiġi assenjata lilha.

Illi fir-rigward tal-kontijiet bankarji ġew preżentati provi dwar tlieta li huma tnejn fil-Bank of Valletta u ieħor fl-H.S.B.C. Bank (Malta). Dawn huma f'isem il-konvenut, u l-attriċi ssostni fin-nota tagħha li għandhom jiġu komputati kif kienu f'Awissu 2006 peress li jirriżulta li minn dakinhar il-konvenut ħareġ diversi ammonti minnhom. Il-Qorti taqbel ma' din il-kostatazzjoni peress li jirriżulta ċar mid-dokumenti esebiti. Għalhekk l-ammonti li l-Qorti se tassenja lill-konvenut se jkunu dawk indikati fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi li b'kollox jammontaw għal tlieta u tletin elf, erba' mija u sitta u tmenin Ewro (€33,486).

Illi jirriżulta wkoll li l-partijiet jippossjedu żewġ *'life policies',* u kif ammetta l-konvenut *tramite* l-verbal tal-Assistent Ġudizzjarju a fol 221 tal-proċess, huwa nkassa s-somma ta' Lm3,734 (€8,700) mingħand ċertu I fil-mori tal-kawża wara li aktar qabel, kien silef dan l-ammont lill-istess persuna.

Illi ma tressqux provi dwar il-mobbli fid-dar.

**DEJN**
Illi ma jirriżultax li l-partjiiet għandhom djun.

**DEĊIŻJONI**

**Illi għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b'tort tal-partijiet indaqs peress illi ż-żwieġ tfarrak irrimedjabbilment, u għalhekk tawtoriżżahom jgħixu separatament minn xulxin;**

**2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba;**

**3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba fir-rigward tat-tifel imsemmi billi issa dan ukoll sar maġġorenni, u tiċħadha fir-rigward tal-istess attrici;**

**4. Tastjeni ukoll milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba;**

**5. Tilqa' l-ħames talba;**

**6. Fir-rigward tas-sitt u seba' talba, tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna l-bejgħ tal-fond numru ____________________________ a bażi tal-prezz ta' mitejn u tmenin elf Ewro (€280,000) fuq imsemmija, fejn ir-rikavat jinqasam bejn il-partijiet; Il-vetturi ________________ (stmat €500) u __________________ (stmata €1,000) qed jiġu assenjati lill-konvenut, filwaqt li l-vettura ________________ (li tiswa €3,000) qed tiġi assenjata lill-attriċi. L-attriċi qed tiġi assenjata wkoll il-garage fi Triq ___________________ stmat tletin elf u tlett mitt Ewro (€30,300) u l-poloz tal-assikurazzjoni mal-Middle Sea p.l.c. li jiswew b'kollox ċirka tmienja u għoxrin elf mitejn u erbgħa u disgħin Ewro (€28,294), filwaqt li l-konvenut qed jiġi assenjat il-garage l-ieħor fi ___________________ stmat mat-tmintax-il elf u sitt mitt Ewro (€18,600) flimkien mas-somma rikavata minn l u l-kontijiet bankarji fl-H.S.B.C. Bank (Malta) u tnejn fil-Bank of Valletta rispettivament, bin-numri**

**______________ u _____________ u ________________; il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi għal darba waħda biss is-somma ta' tlett mija u sitta u erbgħin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€346.23) bħala ekwiparazzjoni.**

**7. Tiċħad it-tmien talba billi ma tressqux provi fir-rigward;**

**8. Tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippublika l-kuntratt relattiv u lill-Avukat Dottor Gabrielle Zammit bħala kuratur tal-eventwali kontumaċji fuq l-istess kuntratt li għandu jiġi pubblikat f'data li tiffissa l-Qorti fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet jew l-istess Nutar nominand;**

**L-ispejjeż tal-kawża u tal-kuntratt imsemmi għandhom jitħallsu fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------